# Il-Ħadd 05.08.2018

1. It-Tnejn 06/08, **Festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej**.

2. Is-Sibt 11/08:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja ta' Sant' Antnin, B'Kara.

3. It-Tnejn 13/08:
   - Fis-7:30pm - Fil-Ġnien Dun Karm Vella, ser issir Quddiesa u wara Talb ta' Tifħir u għall-Fejqan, u Ħin ta' Adorazzjoni animat mill-Grupp Kariżmatiku 'Resurrexit', taż-Żurrieq. Fl-aħħar tingħata l-Barka Sagramentali. Kulħadd mistieden.

4. Avviżi oħra:
   - F'dawn il-jiem ta' preparazzjoni għall-festa, ikollna bżonn ħafna għajnuna kemm fl-armar u kemm fit-tindif tal-knisja. Napprezzaw ħafna dik id-daqqa t'id li tistgħu toffru. Għall-armar avviċinaw lil Josef Mifsud u għat-tindif ikkuntattjaw lil Ġuża Abdilla jew Rita Formosa.
   - Nitlob lil dawk li dawk li joqgħodu f'toroq imsemmija jew b'rabta ma' San Pawl, lil dawk li ġew joqgħodu Ħal Safi, lil ĦalSafin li joqgħodu f'irħula oħra, u lil dawk li joqgħodu barra minna Malta u qegħdin fostna għal xi btala biex jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali, minħabba quddiesa speċjali li ser ikollna għalihom nhar l-Erbgħa 22/08, fl-Ewwel Jum tat-Tridu.
   - Nitlob ukoll lill-koppji li qed jiċċelebraw l-1 sena / 10 / 20 / 25 / 30 / 40 / 50 Anniversarju taż-Żwieġ tagħhom, biex jinkitbu fl-Uffiċċju Parrokkjali, minħabba l-quddiesa speċjali li ser ikollna għalihom nhar il-Ħamis 23/08, fit-Tieni Jum tat-Tridu.
   - Il-Każin Banda San Pawl jixtieq ifakkar li mil-lum xi membri ser jiġbru l-envelopes b'risq il-festa esterna bejn id-9:00am u 12:00pm, kull nhar ta' Ħadd. Grazzi bil-quddiem.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 230 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 1,238 mill-envelopes bl-istess għan;
   - € 20 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi mill-qalb u lil min għadu ma tax is-sehem tiegħu nitolbu ma joqgħodx lura.

6. Nitolbu għal Doris Mangion li għaddiet għal ħajja ta' dejjem din il-ġimgħa.
   Agħtiha o Mulej il-mistrieħ ta' dejjem ...